



## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAS-SUQ INTERN, L-INDUSTRIJA, L-INTRAPRENDITORIJA U L-SMEs

ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-KUMMERĊ

ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-INDUSTRIJA TAD-DIFIŻA U L-ISPAZZJU

Brussell, il-25 ta' Jannar 2021  
REV1 – jissostitwixxi l-avviż bid-data tat-  
18 ta' Jannar 2018

### AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

#### IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE FIL-QASAM TAL-AKKWIST PUBBLIKU

Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea u sar "pajjiż terz"<sup>1</sup>. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ<sup>2</sup> jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ ippreveda wkoll, f'xi każijiet, dispożizzjonijiet dwar is-separazzjoni fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit innegozjaw Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni, li ġie ffirmat fit-30 ta' Diċembru 2020<sup>3</sup> u li japplika b'mod proviżorju mill-1 ta' Jannar 2021<sup>4</sup>.

Il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra dwar is-sitwazzjoni legali applikabbli minn tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, filwaqt li jitqies il-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni (il-Parti A hawn taħt). Dan l-avviż jispjega wkoll ċerti dispożizzjonijiet rilevanti dwar is-separazzjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ (il-Parti B hawn taħt).

Innota;

Dan l-avviż ma jindirizzax ir-regoli tal-UE dwar:

- l-akkwist mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE;
- il-VAT fuq prodotti u servizzi

Fir-rigward ta' dawn l-aspetti, qegħdin jitħejjew jew ġew ippubblikati avviżi oħrajn.

<sup>1</sup> Pajjiż terz huwa pajjiż li mhux membru tal-UE.

<sup>2</sup> Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7 ("Il-Ftehim dwar il-Ħruġ").

<sup>3</sup> Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, ĠU L 444, 31.12.2020, p.14.

<sup>4</sup> ĠU L 1, 1.1.2021, p.1.

## **A. IS-SITWAZZJONI LEGALI MINN TMIEM IL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI**

Mill-1 ta' Jannar 2021, ir-regoli tal-UE fil-qasam tal-akkwist pubbliku<sup>5</sup> ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit u fih, mingħajr preġudizzju għat-taqsimha B ta' dan l-avviż.

L-operaturi ekonomiċi mir-Renju Unit interessati jew li jipparteċipaw fi proċeduri ta' akkwist pubbliku fl-Unjoni Ewropea se jkollhom l-istatus ta' operaturi ekonomiċi bbażati f'pajjiż terz fir-rigward tal-aċċess tagħhom għas-suq tal-akkwist pubbliku tal-UE.

Madankollu, ir-Renju Unit issieħeb fil-Ftehim tad-WTO dwar l-Akkwisti Pubbliċi fl-1 ta' Jannar 2021. Skont dan il-ftehim, l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit ħadu impenji reċiproċi biex jagħtu lill-operaturi, lill-prodotti u lis-servizzi tal-parti l-oħra l-aċċess għal ċerti opportunitajiet fis-settur tal-akkwist pubbliku. Barra minn hekk, it-Titolu VI tal-Ewwel Intestatura tat-Tieni Parti tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni jipprevedi impenji reċiproċi addizzjonali dwar l-aċċess għall-opportunitajiet tal-akkwist pubbliku.

### **1. L-AKKWIST KOPERT MILL-IMPENJI TAL-UE ABBAŻI TAL-FTEHIM TAD-WTO DWAR L-AKKWISTI PUBBLIĊI U TAL-FTEHIM TA' KUMMERĊ U KOOPERAZZJONI**

L-operaturi ekonomiċi, il-prodotti u s-servizzi tar-Renju Unit se jgawdu minn aċċess ġust u nondiskriminatorju għall-opportunitajiet tas-suq koperti mill-impenji tal-Unjoni Ewropea skont il-Ftehim tad-WTO dwar l-Akkwisti Pubbliċi u skont il-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni<sup>6</sup>.

Dawn l-impenji tal-UE jkopru l-akkwist ta' prodotti u ta' ċerti servizzi, inklużi servizzi ta' kostruzzjoni, b'valur ekonomiku daqs jew ogħla mil-limiti stabbiliti<sup>7</sup> mill-Unjoni Ewropea, mill-entitajiet li ġejjin:

- l-entitajiet ċentrali u subċentrali kollha;
- il-korpi governattivi tad-dritt pubbliku; u
- l-entitajiet pubbliċi, l-impriżi pubbliċi u l-impriżi privati bi drittijiet esklussivi jew speċjali li joperaw fis-setturi tal-utilitajiet li ġejjin: is-setturi tal-ilma, l-elettriku, il-gass u t-tiżnin, il-portijiet, l-ajruporti, it-trasport urban u l-ferroviji.

Tali aċċess huwa bbażat fuq ir-regoli tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Akkwisti Pubbliċi u l-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni, li jipprevedi li l-prodotti, is-servizzi u l-fornituri tar-Renju Unit koperti mill-Ftehim jiġu trattati b'mod li ma jkunx inqas favorevoli minn dak li l-Unjoni Ewropea tagħti lill-prodotti, lis-servizzi u lill-fornituri tagħha stess.

<sup>5</sup> Ara [https://ec.europa.eu/growth/single-market/public-procurement/rules-implementation\\_mt](https://ec.europa.eu/growth/single-market/public-procurement/rules-implementation_mt) għal aktar informazzjoni dwar ir-regoli tal-akkwist fl-Unjoni Ewropea.

<sup>6</sup> L-operaturi ekonomiċi, il-prodotti u s-servizzi tal-UE se jkollhom aċċess ġust u nondiskriminatorju għal opportunitajiet ta' akkwist pubbliku fir-Renju Unit skont l-impenji tar-Renju Unit abbażi tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Akkwisti Pubbliċi u tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

<sup>7</sup> Dawn il-limiti huma l-istess bħal daww applikati skont id-Direttivi tal-UE fil-qasam tal-akkwist pubbliku.

## 2. AKKWIST MHUX KOPERT MILL-IMPENJI TAL-UE ABBAŻI TAL-FTEHIM TAD-WTO DWAR L-AKKWISTI PUBBLIĊI U L-FTEHIM TA' KUMMERĊ U KOOPERAZZJONI

### 2.1. Regoli ġenerali

F'każ ta' akkwisti pubbliċi li mhumiex koperti mill-impjenji tal-Unjoni Ewropea abbażi tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Akkwisti Pubbliċi u tal-Ftehim ta' Kummerċ u ta' Kooperazzjoni<sup>8</sup>, l-operaturi ekonomiċi mir-Renju Unit se jkollhom l-istess status bħall-operaturi ekonomiċi l-oħra kollha bbażati f'pajjiż terz li miegħu l-UE ma għandha ebda ftehim li jipprevedi l-ftuħ tas-suq tal-akkwisti tal-UE. Għalhekk, huma għandhom jiġu soġġetti għall-istess regoli bħal kull offerent minn pajjiż terz. B'mod partikolari, kif ġie ddikjarat fil-*"Gwida dwar il-parteċipazzjoni ta' offerenti u prodotti minn pajjiżi terzi fis-suq tal-akkwist tal-UE"*<sup>9</sup>, *"l-operaturi ekonomiċi minn pajjiżi terzi, li ma għandhom l-ebda ftehim li jipprevedi l-ftuħ tas-suq tal-akkwist tal-UE jew li l-prodotti, is-servizzi u x-xogħlijiet tagħhom mhumiex koperti minn ftehim bħal dan, ma għandhomx aċċess sigur għall-proċeduri ta' akkwist fl-UE u jistgħu jiġu esklużi"*.

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 85 tad-Direttiva 2014/25/UE li tirregola l-proċeduri tal-akkwist għax-xiri ta' provvisti minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, tal-enerġija, tat-trasport u postali<sup>10</sup>, l-offerti sottomessi fl-UE jistgħu jiġu miċħuda jekk il-proporzjon tal-prodotti li joriġinaw f'pajjiżi terzi li magħhom l-UE ma kkonkludietx ftehim, li jiżgura aċċess komparabbli u effettiv għal impriżi tal-UE għas-swieq ta' dawk il-pajjiżi terzi, ikun jaqbeż il-50 % tal-valur totali tal-prodotti li jikkostitwixxu l-offerta. Anki jekk offerti bħal dawn ma jiġux rifjutati, huma ma għandhomx iwasslu għall-għoti ta' kuntratt jekk ikun hemm offerti ekwivalenti b'anqas minn 50 % tal-prodotti li joriġinaw f'pajjiżi terzi. Għalhekk, l-offerti f'dan it-tip ta' akkwisti tal-UE, jiġifieri akkwisti mhux koperti mill-impjenji tal-Unjoni Ewropea abbażi tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Akkwisti Pubbliċi u tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni, b'aktar minn 50 % tal-prodotti li joriġinaw mir-Renju Unit u minn pajjiżi terzi oħra li magħhom l-Unjoni Ewropea ma kkonkludietx ftehim, jistgħu jiġu rifjutati jew jistgħu ma jingħatawx kuntratt.

### 2.2. Regoli speċifiċi fil-qasam tad-difiża u s-sigurtà

Kif iċċarat fil-Premessa 18 tad-Direttiva 2009/81/KE li tirregola l-proċeduri tal-akkwist minn awtoritajiet kontraenti jew entitajiet fil-qasam tad-difiża u s-sigurtà<sup>11</sup>, l-Istati Membri tal-UE jżommu s-setgħa li jiddeċiedu dwar jekk l-

<sup>8</sup> L-impjenji tal-Unjoni Ewropea skont il-Ftehim tad-WTO dwar l-Akkwisti Pubbliċi u l-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni ma jkopru, fost l-oħrajn, dan li ġej: akkwist anqas mil-limiti; l-akkwist tas-servizzi kollha li mhumiex inklużi fl-impjenji skont dawk il-ftehimiet (bħas-servizzi ta' riċerka u żvilupp), il-konċessjonijiet ta' servizzi, l-akkwist minn entitajiet pubbliċi, l-impriżi pubbliċi u l-impriżi privati bi drittijiet speċjali u esklużivi f'ċerti setturi tal-utilitajiet (is-servizzi postali, l-estrazzjoni taż-żejt u l-gass, faħam jew fjuwils solidi oħra jew l-esplorazzjoni għalihom), l-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża u l-akkwist mill-biċċa l-kbira tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE (ħliet il-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna).

<sup>9</sup> <https://ec.europa.eu/docsroom/documents/36601>.

<sup>10</sup> ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243.

<sup>11</sup> ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76.

awtorità/entità kontraenti tagħhom tistax tħalli operaturi ekonomiċi minn pajjiżi terzi jipparteċipaw fil-proċeduri ta' akkwisti tad-difiża u s-sigurtà tagħhom jew le. Għalhekk, l-operaturi ekonomiċi mir-Renju Unit jistgħu jiġu esklużi mis-sejħa għal offerti għal kuntratti ta' difiża u sigurtà fl-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk, l-Artikolu 22 tad-Direttiva 2009/81/KE jipprevedi li l-Istati Membri tal-UE għandhom jirrikonoxxu l-approvazzjonijiet tas-sigurtà li jqisu ekwivalenti għal dawk maħruġa skont il-liġi nazzjonali tagħhom. Minn meta jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-Istati Membri tal-UE mhux se jibqgħu bl-obbligu li jirrikonoxxu l-approvazzjonijiet tas-sigurtà miksubin minn operatur ekonomiku fir-Renju Unit, anki meta jistgħu iqisuhom bħala ekwivalenti għall-approvazzjonijiet tas-sigurtà nazzjonali tagħhom. Dan jista' jwassal għall-esklużjoni tal-operaturi li jibbażaw fuq l-approvazzjoni tas-sigurtà tar-Renju Unit fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku tad-difiża u s-sigurtà tal-UE.

## **B. ID-DISPOŻIZZJONIJIET RILEVANTI DWAR IS-SEPARAZZJONI FIL-FTEHIM DWAR IL- ĦRUĠ**

It-Titolu VIII tat-Tielet Parti tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jirregola l-proċeduri tal-akkwist pubbliku li kienu għadhom għaddejjin fil-31 ta' Diċembru 2020. L-Artikolu 76 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jistabbilixxi li l-proċeduri ta' akkwist pubbliku mnedija mill-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti fir-Renju Unit jew fl-Unjoni Ewropea, u li jkunu għadhom ma ġewx iffinalizzati fit-31 ta' Diċembru 2020, ikomplu jitwettqu, sal-finalizzazzjoni tagħhom, f'konformità mad-dritt tal-UE li jirregola l-proċeduri ta' akkwist pubbliku. B'riżultat ta' dan, l-operaturi ekonomiċi mir-Renju Unit ikomplu jibbenefikaw mill-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni fir-rigward ta' dawk il-proċeduri li għaddejjin fl-Unjoni Ewropea – u viċi versa.

Barra minn hekk, l-awtoritajiet kontraenti tar-Renju Unit jew l-entitajiet kontraenti mir-Renju Unit iridu jkomplu jitolbu l-pubblikazzjoni ta' avviżi, fir-rigward ta' dawk il-proċeduri li jkunu għaddejjin fil-31 ta' Diċembru 2020, mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea fuq TED (Tenders Electronic Daily), il-verżjoni online tas-“Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali” tal-Unjoni Ewropea, iddedikat għall-akkwist pubbliku Ewropew.

L-Artikolu 77 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jistabbilixxi li l-proċeduri ta' rieżami previsti mir-regoli tal-UE fil-qasam tal-akkwist pubbliku jkomplu japplikaw għal dawk il-proċeduri tal-akkwist pubbliku li jkunu għaddejjin fil-31 ta' Diċembru 2020.

Il-Kummissjoni Ewropea

Id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs

Id-Direttorat Ġenerali għall-Industrija tad-Difiża u l-Ispazju

Id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ